MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 105/2003

**Strand Electronics Limited**

**Vs**

**Mario Cardona ezercenti l-kummerc
taht l-isem "Crazyland".**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-17 ta' Jannar, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm225.40) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata, ta' servizzi rezi u ta' xiri ta' makkinarju.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittri ufficjali tal-10 ta' Lulju 2001 u l-20 ta' Awissu 2002 u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-avukat Dr. Simon Galea Testaferrata ghas-socjeta konvenuta, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm225.40), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittri ufficjali tal-10 ta’ Lulju 2001 u ta’ l-20 ta’ Awissu 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------